# L-Ilma



L-ilma hu importanti ħafna għax, mingħajru, la n-nies u l-ebda ħaġa oħra ħajja ma tista tgħix.

Hawn Malta, aħna fortunati li għandna aċċess tajjeb u komdu għall-ilma. Hawn diversi partijiet tad-dinja fejn in-nies jew ikollhom jimxu ‘l bogħod biex iġibu l-ilma, inkella għandhom biss ilma maħmuġ.

F’Malta, l-ilma tax-xita jiġi minn diversi sorsi:

- jew mill-impjanti tar-Reverse Osmosis, li jibdlu l-ilma tal-baħar f’ilma tax-xorb
- jew mill-Water Table, li hu ilma li jinqabad f’saff fil-blat taħt l-art u jittella minn hemm
- jew mix-xita li tinġabar u tinħażen fi bjar u reservoirs qabel tintilef billi titkaxkar lejn il-baħar








Fid-djar tagħna, nistgħu niffrankaw l-ilma billi:

- jekk għandna xi vit iqattar, inġibu plumber biex isewwih jew jibdlu
- meta naħslu idejna, niftħu l-vit b’mod li jinżel l-ilma bil-mod, u mhux b’saħħa
- meta naħslu snienna, nagħlqu l-vit wara li nkunu laħlaħna ħalqna
- noqogħdu attenti li nagħlqu vit tal-ilma sew wara li nkunu użajnih
- meta ninħaslu, nieħdu shower minflok banju
- inpoġġu ġebla fil-flushing biex jintuża anqas ilma meta nifflaxjaw
- niftehmu l-familja bejnitna li nixru rigal għalina lkoll mill-flus li niffrankaw mill-kont tal-ilma għax inkunu qagħdna attenti biex nużaw anqas ilma

*minn Matthew Schembri, Kyle Spiteri Davison u Kez Scerri De Carlo – Prep 5 (DD)*